MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 148/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Dr. Patrick Valentino LL.D. u l-P.L. Davina Sullivan, kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet Henry Coleiro skond digriet tal-25 ta' Awwissu 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tas-16 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datati 19 ta' April 2006 (Dok. A) u 12 ta' Dicembru 2008 (Dok. B), u fl-iskrittura privata datata 21 ta' Novembru 2008 (Dok. C) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Henry Coleiro, illum mejjet;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Henry Coleiro, illum mejjet, fis-somma ta’ mija u sebgha u erbghin elf, sitt mija u tnejn u hamsin Euro u sebghin centezmu (€147,652.70) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan u Overdraft Accounts”* ta’ Henry Coleiro, illum mejjet, mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D2, Dok. E1 sa E4, Dok. F, Dok. G, Dok. H1 sa H4 u Dok. I1 sa I4), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta’ Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B u C), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr. Patrick Valentino LL.D. u l-P.L. Davina Sullivan, kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-eredita’ gjacenti tal-mejjet Henry Coleiro:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti nomine li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Dr. Patrick Valentino LL.D. u l-P.L. Davina Sullivan, kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-eredita’ gjacenti tal-mejjet Henry Coleiro gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ Lulju 2010, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. J, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

6. Din il-procedura qed issir minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta’ flus dovuti minn Henry Coleiro, illum mejjet, lis-socjeta’ bankarja attrici, li ghalihom l-istess attrici qed tirrizerva li tipprocedi f’gudizzju separat;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti nomine (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti nomine jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Dr. Patrick Valentino LL.D. u l-P.L. Davina Sullivan, kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti tal-mejjet Henry Coleiro jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sebgha u erbghin elf, sitt mija u tnejn u hamsin Euro u sebghin centezmu (€147,652.70) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* ta' Henry Coleiro, illum mejjet, mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D2, E1 sa E4, Dok. F, Dok. G, Dok. H1 sa H4 u Dok. I1 sa I4) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju 2010 kontra l-konvenuti nomine li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tal-24 ta' Marzu 2011 fejn eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u

aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta' attrici Dr. Lilian Cremona fejn iddikjarat bil-gurament taghha illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €147,652.70;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Dominic Cassar ghas-socjeta' attrici li ddikjara li m'ghandhux aktar provi. Deher ukoll Dr. Patrick Valentino kuratur li rrimetta ruhu. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju 2011;
Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. I4 annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati nomine), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------